MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 1182/2007

**Patricia Agius**

**VS**

**GasanMamo Insurance Limited**

**Il-Qorti :**

Rat ir-rikors ta' Patricia Agius tat-12 ta' Novembru 2007, li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti kienet proprjetarja ta' vettura tat-tip Opel Astra Cabrio bin-numru ta' registrazzjoni PAT 216;*

*Illi fil-lejl ta' bejn it-12 u t-13 ta' Dicembru 2005, din il-vettura illi kienet tinsab parkeggjata ghal-lest quddiem ir-residenza ta' l-esponenti minhabba emergenza medika illi kienet inqalghet aktar kmieni dakinhar stess lit-tifel minuri ta' l-esponenti, hadet in-nar;*

*Illi bhala konsegwenza ta' l-istess incident imsemmi, il-vettura ta' l-esponenti soffriet hsarat estensivi tant illi giet certifikata illi hija beyond economical repair;*

*Illi din il-vettura f'dak il-perijodu kienet assigurata mas-socjeta` intimata permezz ta' Polza ta' Assigurazzjoni numru ZZURX501PAT216;*

*Illi s-socjeta` intimata, minkejja illi giet diversi drabi interpellata sabiex taghmel tajjeb ghad-danni konsegwenzjali msemmija u naxxenti mill-istess incident, baqghet inadempjenti;*

*Tghid is-socjeta' intimata ghaliex dina l-Qorti ma ghandhiex :-*

1. *Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghar-risarciment tad-danni naxxenti mill-incident fuq imsemmi stante illi tali incident kien kopert mill-Polza ta' Assigurazzjoni numru ZZURX501PAT216 vigenti bejn l-esponenti u s-socjeta` intimata;*

2. *Tillikwida occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, l-imsemmija danni konsegwenzjali sofferti mill-esponenti bhala rizultat ta' dan l-istess incident imsemmi;*

3. *Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-ammont ta' danni hekk likwidat lill-esponenti.*

*Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 19 ta' April 2007 u interessi legali kontra s-socjeta` intimata illi giet ingunta ghas-subizzjoni."*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' GasanMamo Insurance Limited tat-12 ta'Dicembru 2007 li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament ir-Rikors promotur huwa irritu u null u ghalhekk l-esponenti ghandha tigi lliberata mill-osservanza tal-gudizzju, stante illi jonqos il-formalitajiet rikjesti mil-Ligi, u senjatament peress illi l-oggett tal-kawza mhux imfisser f'paragrafi numerati separatament u dana kif jitlob tassattivament l-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap.*

*12 tal-Ligijiet ta' Malta. Inoltre tonqos ukoll id-dikjarazzjoni ta' liema fatti esposti ir-rikorrenti taf bihom personalment u dana dejjem kif titlob tassativament il-Ligi fl-istess Artikolu 156(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi l-kawza odjerna m'ghandha ebda bazi legali u ma setghetx tigi proposta mir-rikorrenti stante illi l-klawsola numru sitta (6) tal-kundizzjonijiet tal-polza assigurattiva (General Conditions) in kwistjoni tistipula illi: "... If we refuse liability for a claim and this claim is not referred to arbitration within one year from the date of such refusal, the claim shall be deemed to have been withdrawn and cannot subsequently be revived".(kopja tal-polza annessa u mmarkata bhala Dok. GMI.1). Bhala fatt, wara illi dahlet il-claim tar-rikorrenti fl-14 ta' Dicembru 2005(Dok. GMI.2), intbaghtet ittra ta' rifjut mis-socjeta` intimata lill-avukat tar-rikorrenti fid-9 ta' Awwissu 2006 (Dok. GMI.3) u sad-9 ta' Awwissu 2007 (u cioe` sena wara), r-rikorrenti ma kienitx ghadha intavolat proceduri ta' arbitragg kif kellha l-obbligu illi taghmel skond l-istess Klawsola numru sitta (6) tal-Kundizzjonijiet Generali tal-polza assigurattiva;*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti ai termini tal-klawsola numru sitta (6) tal-Kundizzjonijiet Generali tal-polza assigurattiva suriferita, permezz ta' liema klawsola l-partijiet huma obbligati illi jirreferu kull tilwima illi tirrizulta mill-polza ghal proceduri ta' arbitragg skond il-provvedimenti ta' l-Att dwar l-Arbitragg ta' l-1996;*

4. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra r-rikkorrenti u dana stante illi kienet l-istess rikorrenti li naqset mill-obbligi taghha skond il-polza ta'assigurazzjoni bin-numru ZZURX501PAT216 mahruga mis-socjeta` intimata fir-rigward taghha, u dana fis-sens illi naqset milli zzomm il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni PAT 216 f'garaxx bil-lejl meta l-vettura ma tkunx qieghda tintuza – u dana senjatament skond "Endorsement 8", (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. GMI.4) liema endorsement (ossia kundizzjoni) kienet effettiva mill-1 ta' Mejju 2005;*

5. *Illi subordinarjament ghar-raba' eccezzjoni, r-rikorrenti qatt ma avzat jew informat lis-socjeta` esponenti illi kellha xi tfal b'kundizzjoni medika – temporanja jew fit-tul – u liema kundizzjoni kienet tirrikjedi illi l-vettura in kwistjoni ma tinzammx*

*iggaraxxjata kull lejl f'kaz illi tinqala' emergenza. Jigi rrilevat illi ir-rikorrenti la ma avzat jew informat lill-esponenti b'dan il-fatt fil-mument meta nharget il-polza ta' assigurattiva in kwistjoni u lanqas f'kull mument iehor, inkluz dak meta marret tirregistra "claim" mas-socjeta` esponenti fl-14 ta' Dicembru 2005 u lanqas ma informat lill-Pulizija a tempo vergine – u ghaldaqstant hija naqset fl-obbligi taghha skond il-Ligi u skond il-polza illi zzomm u thares relazzjoni in uberrimae fides bejnha u bejn l-assiguraturi taghha;*

6. *Illi minhabba r-ragunijiet moghtija fir-raba' (4) u l-hames (5) eccezzjoni supra, isegwi illi ma kien hemm ebda obbligu ta' kopertura assigurattiva ghall-incident in kwistjoni fir-rigward tal-vettura msemmija u konsegwentement ma hemm ebda somma, sew ta' danni jew ta' kwalsiasi natura ohra, illi ghandha tithallas mis-socjeta` esponenti lir-rikorrenti, la skond il-Ligi u lanqas ai termini tal-polza assigurattiva in kwistjoni;*

7. *Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux minnu illi l-vettura in kwistjoni "hadet in-nar" kif qieghda tallega l-attrici, izda din* **inharget** *minn "xi hadd, b'intenzjoni doluza" – hekk kif ikkonkluda l-Magistrat Inkwirenti Dottor Lawrence Quintano fl-Inkjesta Magisterjali (kopja annessa u mmarkata bhala Dok. GMI.5); u kwindi hija r-rikorrenti stess illi ghandha tipprova illi l-incident, ossia n-nirien ma sehhewx minhabba negligenza da parti taghha, u li hadet kull prekawzjoni ragjonevoli qua bonus paterfamilias sabiex l-incident jigi evitat u ghaldaqstant u sakemm tingieb din il-prova, is-socjeta` intimata m'ghandha l-ebda obbligu illi tonora jew thallas kwalunkwe somma ta' danni pretiza mill-istess rikorrenti;*

8. *Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess, u fi kwalunkwe kaz, ir-rikorrenti ghandha ggib kull prova skond il-Ligi tad-danni attwali illi allegatament soffriet in segwitu ghall-incident imsemmi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*"

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni in parte ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta tat-3 t’Ottubru 2008 (a fol. 56 et seq.) li permezz taghha l-Qorti cahdet it-tieni eccezzjoni tal-intimati bl-ispejjez kontra taghhom;

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta’Mejju 2010 fejn ordnat li l-atti ta’ din il-kawza jigu rinvijati lill-ewwel Qorti (a fol. 88);

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta tal-4 ta’ Novembru 2010 fejn inominat lil Dr. Josette Demicoli bhala Perit Legali (a fol. 91);

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta tal-5 ta’ Mejju 2011 fejn peress illi Dr. Josette Demicoli giet elevata ghall-Magistratura, innominat lil Dr. Ramona Frendo bhala Perit Legali (a fol. 103);

Rat in-nota ta’ sottomissjonijet ta’ Patricia Agius tal-4 ta’Jannar 2013 (a fol. 131 et seq.);

Rat ir-relazzjoni ta’ Dr. Ramona Freno prezentata tal-11 ta’ Settembru 2013 u mahluf fit-12 ta’ Frar 2014 (a fol. 149 et seq.);

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-verbal tad-29 ta’ Jannar 2015 illi permezz tieghu l-avukati difensuri strahu fuq in-nota t’osservazzjonijiet minnhom prezentati u l-atti tal-kawza (a fol. 305);

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti, vide fol. 29 et seq, jirrizulta illi l-attrici kienet il-proprjetarja tal-vettura *Opel Astra* bin-numru ta’ registrazzjoni PAT 216, akkwisa gdida f’Ottubru 2002.

L-attrici b’risposta ghall-eccezzjoni tas-socjeta assikuratrici, dwar il-gurisdizzjoni tac-Centru Malti ta’ l-Arbitragg iddikjarat illi meta hija akkwistat il-vettura, kienet avvicinat lil Busuttil Insurance Brokers Hal Safi, stante li dawn kienu assiguraw l-vettura precedenti taghha.

Busuttil Insurance Brokers tawha l-parir li tinxurja l-vettura taghha ghand Gasan Mamo b'polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive*, L-attrici qaghdet fuq dan il-parir.

L-attrici xhedet li hadd ma informaha li jekk is-socjeta` konvenuta tirrifjuta *claim*, hija kellha sena sabiex tirreferi l-kwistjoni ghall-Arbitragg. Hija sostniet li qatt ma kienet rat il-*Private Car Policy* tas-socjeta` konvenuta hlief fl-atti tal-kawza. L-attrici tiftakar illi meta hija assigurat il-vettura taghha, hija kienet iffirmat xi karta, pero` mhux il-*Private Car Policy*.

L-attrici semghet bil-kwistjoni ta' l-Arbitragg ghall-ewwel darba wara illi intavolat il-proceduri odjerni. Hija ma gietx informata b'tali kundizzjoni, la meta marret tirregistra l-*claim* taghha ma' Busuttil Insurance Brokers u lanqas meta marret taghti d-dettalji tal-*claim* taghha lis-socjeta` konvenuta fuq parir ta' Busuttil Insurance Brokers. Fl-ebda okkazjoni l-assiguraturi ta' l-attrici ma semmewlha illi hija kellha tirreferi l-kwistjoni ghall-Arbitragg jew tawha l-ktejjeb illi jistipula l-kundizzjonijiet tal-*Private Car Policy*, lanqas fil-korrispondenza legali skambjata bejn l-assigurazzjoni u l-konsulent legali ta' l-attrici.

A fol. 35, l-attrici xhedet illi l-konsulenti legali taghha bdew jikkorrispondu mas-socjeta` konvenuta meta dina rrifjutat il-*claim* taghha. Is-socjeta` konvenuta kienet ikkomunikat ma' l-attrici telefonikament sabiex tinformaha illi hija ma kienitx ser taccetta l-*claim* taghha u kien hemm ukoll korrispondenza legali f'dan is-sens;

L-attrici qatt ma kienet giet ipprovduta bil-ktejjeb tal-polza u ghaldaqstant hija qatt ma ffirmat l-istess.

L-attrici kkonfermat illi kienet hija illi ffirmat il-*Proposal Form*, li kienet imtliet minn Busuttil Insurance Brokers abbazi ta' l-informazzjoni li tathom. L-attrici ma ratx il-*Proposal Form* dakinhar illi marret taghti d-dettalli taghha sabiex tinhareg il-polza – hija rat tali formola meta marret tiffirmaha wara illi giet informata illi s-socjeta` konvenuta kienet accettat illi tassigura l-vettura taghha.

Permezz tat-tieni Affidavit a fol. 95 et seq, l-attrici kompliet tixhed li hija assigurat il-vettura taghha mas-socjeta` konvenuta **permezz ta' polza tat-tip *comprehensive* ghall-valur ta' Lm 14,300.00**.

Hija baqghet iggedded l-imsemmija polza sakemm din giet distrutta b'nirien fl-incident.

Wara l-kaz tal-hruq, l-attrici akkwistat vettura ohra pero` assigurataha ma' socjeta` assigurattiva ohra ghaliex is-socjeta` konvenuta irrifjutat illi tassigura din il-vettura peress illi bezghet illi dina terga' tinghata n-nar.

Il-polza ta' assigurazzjoni ghall-vettura mertu ta' dawn il-proceduri nharget bil-kundizzjoni illi din il-vettura ma kellhiex tithalla barra bil-lejl meta ma tkunx qieghda tintuza.

**Ftit tax-xhur qabel ma sehh l-incident tan-nar**, iben l-attrici Luke Cremona li dak iz-zmien **kellu sentejn**, **beda jbati mill-*croup*** - kundizzjoni medika illi hija simili ghall-*asthma.* Meta kien jkollu attakk, l-attrici kienet tiehdu l-isptar sabiex jinghata n-*nebuliser.*

Fit-12 ta' Dicembru 2005, l-attrici kienet ghadha gejja mill-*Health Centre* tal-Furjana ghaliex binha kellu bzonn in-*nebuliser* u dak il-hin, it-tabib tal-familja Dottor Victor Theuma, ma setghax jinvista lil binha. Dottor Theuma kien imbaghad invista lil iben l-attrici ghall-habta ta' l-10.00 p.m. u taha parir sabiex jekk l-attakk jizdied, tiehdu l-*Health Centre* malajr. **Kien ghalhekk illi l-attrici halliet il-vettura taghha barra,** ipparkeggjata madwar zewg bibien 'l boghod mir-residenza taghha sabiex jekk binha jaghtih attakk iehor, hija tkun pronta titlaq bih ghas-sokkors malajr, **ghaliex inkella jmut b'nuqqas ta' nifs**. B'hekk, l-attrici ma setghetx tiehu r-riskju ta' telf ta' hin sakemm tohrog il-vettura taghha mill-garaxx. Pero`, dakinhar, it-tifel baqa' stabbli matul il-lejl u ghalhekk ma kienx hemm ghalfejn jerga' jittiehed gewwa l-*Health Centre.*

Dakinhar ta' l-akkadut, kien hafna maltemp u l-attrici kellha kullimkien maghluq. Ghall-habta tat-3.00 a.m., hija qamet bl-ghajjat u thabbit fuq il-bieb. Meta harget fil-gallerija, rat lill-gara taghha Mary Benomer illi qalet lill-attrici sabiex tinzel tigri ghaliex il-vettura taghha kienet qieghda tinharaq.

L-attrici cemplet mill-ewwel lil ta' l-Emergenza biex forsi jsalvawlha l-vettura. Meta harget barra, rat il-vettura taqbad minn taht u mill-parti ta' quddiem. Wara ftit, waslu l-Pulizija u tal-*Fire Engine* fuq il-post, pero` meta dawn hasbu illi kienu tfew in-nar, il-vettura regghet hadet in-nar, u dawn regghu tfewha ghat-tieni darba.

Il-Pulizija gabu l-esperti tal-Qorti sabiex jaghmlu ricerka dwar il-kawza tan-nar u dawn kienu kkonkludew illi xi hadd esperjenzat kien qabbad il-vettura. Il-vettura giet certifikata bhala *beyond economical repair* minhabba l-hruq.

Ftit tal-granet wara, l-attrici ghamlet *claim.* L-assigurazzjoni taghha ghamlitilha hafna mistoqsijiet u baghtet ghaliha madwar hames darbiet. **Madwar sitt xhur wara, l-assigurazzjoni informat lill-attrici illi ma kienitx ser thallasha ghad-danni peress illi hija kienet halliet il-vettura taghha barra matul il-lejl.** L-attrici tispjega illi dakinhar hija kienet qieghda tilghab b'hajjet binha u ghalhekk kienet hadet id-decizjoni illi thalli l-vettura taghha barra. Kien hemmhekk illi l-attrici fittxet parir legali u eventwalment, wara skambju ta' korrispondenza legali mas-socjeta` konvenuta, intavolat il-kawza odjerna.

L-attrici regghet xehdet, b'referenza ghall-paragrafu 7 tar-Risposta Guramentata, cahdet illi kienet hi li tat in-nar lill-vettura taghha u spjegat illi hija ma kellha ebda interess illi taghmel dan ghaliex il-vettura kienet ghal qalbha, **pero aktar importanti**, hija kellha bzonn il-karozza taghha sabiex tiehu lil binha l-isptar ghat-trattament tal-*croup.*

Fl-atti ta' l-Inkjesta Magisterjali illi nzammet in konnessjoni mal-kaz ta' hruq illi jifforma l-mertu tal-proceduri odjerni,a fol. 263 l-attrici xehdet illi l-ahhar illi rat il- vettura taghha qabel il-kaz tal-hruq, kien fit-12 ta' Dicembru 2005 ghall-habta ta' l-10.00 p.m. meta hija ttawwlet mill-gallerija tar-residenza taghha. Dak il-hin, il-vettura kienet f'kundizzjoni tajba.

Ghall-habta tat-3.30 a.m. tat-13 ta' Dicembru 2005, l-attrici semghet ghajjat tan-nies, u meta ttawwlet mill-gallerija, hija rat lil oht Francis Cremona, il-*partner* ta' l-attrici, tghajjat u tghid illi l-vettura ta' l-attrici kienet qieghda taqbad.

L-attrici cemplet lill-Pulizija u wara marru xi ufficjali tal-Pulizija u l-*Fire Brigade* fuq il-post. Kienet ix-xita.

Ic-carruta l-hamra illi nstabet taht il-*bonett* tal-vettura ma kienitx ta' l-attrici. L-attrici ma kienitx tafx jekk meta harget barra, il-hgiega tal-passiggier kienitx miksura.

**L-attrici ma kellha inkwiet ma hadd, u ghalhekk ma kellha suspett f'hadd.**

Max Borg Bonello a fol. 38, fl-affidavit tieghu  xhed illi huwa kien ilu jokkupa l-kariga ta' *Claims Negotiator* mas-socjeta` konvenuta ghal madwar hdax-il sena.

Is-socjeta` konvenuta kienet harget polza tat-tip *private car comprehensive* fuq il-vettura ta' l-attrici fis-16 ta' Ottubru 2002, u din il-polza giet rinovata regolarment sakemm sehh l-incident mertu ta' dawn il-proceduri.

Il-polza kienet tkopri esklussivament lill-attrici u lil Francis Cremona.  Apparti l-kundizzjonijiet regolari tal-polza, kien hemm xi restrizzjonijiet ohra, fosthom illi l-vettura kellha tinzamm f'garaxx meta ma tkunx qieghda tintuza matul il-lejl.  Tali kundizzjoni hija kontenuta fl-*Endorsement 8* , Dok. GMI.4 a fol. 19, illi jinghata separatament mill-ktejjeb Dok. GMI.1 a fol.22 illi jinkludi t-*Terms and Conditions* applikabbli ghall-poloz ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta` konvenuta.  Fil-kaz odjern, l-*Endorsements* kollha applikabbli kienu jidhru fuq is-*Schedule* illi tinhareg meta tiggedded il-polza.

Fl-14 ta' Dicembru 2005, l-attrici kienet irrapportat illi l-vettura taghha kienet inharqet matul il-lejl tat-13 ta' Dicembru 2005 ghall-habta tat-3.00 a.m. waqt illi kienet ipparkeggjata fit-triq ta' barra r-residenza ta' l-attrici.  Madwar gimgha wara illi sar il-*claim,* is-socjeta` konvenuta kienet gibdet l-attenzjoni ta' l-attrici dwar l-*Endorsement 8,* illi l-attrici kienet pienament konxja dwaru, tant illi marret gewwa l-ufficcju tas-socjeta` konvenuta bl-istess *Endorsement* f'idha.

Fl-Inkjesta Magisterjali dwar l-incident maghluqa fit-12 ta' Mejju 2005, gie konkluz illi n-nar ma kienx accidentali izda wiehed doluz, u dan in vista tal-fatt illi nstabu zewg *seats* imqabbdin u kien hemm tracci ta' likwidu fjammabbli illi kien inxtehet fuq il-vettura qabel ma dina nghatat in-nar.

Wara illi ottjeniet kopja tal-*proces-verbal* Dok. AV1 a fol.262 sa 299, is-socjeta` konvenuta informat lill-attrici illi l-incident *de quo* ma kienx kopert mill-polza ta' assigurazzjoni relattiva stante illi l-attrici naqset milli tonora l-kundizzjoni ta' l-*Endorsement 8* meta hija naqset milli zzomm il-vettura taghha gewwa garaxx waqt illi dina ma kienitx qieghda tintuza mal-lejl.

Fit-12 ta' Lulju 2006, is-socjeta` konvenuta rceviet ittra legali minghand il-konsulent legali

ta’ l-attrici illi permezz taghha l-istess socjeta` giet interpellata sabiex tindennizza lill-attrici. Din l-ittra kienet tispjega wkoll illi l-attrici kienet halliet il-vettura taghha barra mal-lejl peress illi hija kellha tiehu lil binha l-isptar minhabba kundizzjoni medika. Qabel l-incident, l-attrici qatt ma talbet illi l-*Endorsement 8* jinbidel jew jitnehha minhabba xi kundizzjoni medika ta’ xi wiehed minn uliedha.

Is-socjeta` konvenuta wiegbet ghal tali ittra legali permezz ta’ l-ittra legali tad-9 ta’ Awwissu 2006 illi permezz taghha insistiet illi ma kien hemm ebda kopertura u ghalhekk ma setax isir l-indennizz.

Fid-19 ta’ April 2007, is-socjeta` konvenuta rceviet ittra ufficjali minghand l-attrici, u rrispondiet billi rrespingiet il-pretensjonijiet hemm kontenuti.

Il-ktejjeb bil-kundizzjonijiet tal-polza jitqassam lill-agenti tas-socjeta` konvenuta u lill-*brokers* kollha minnha awtorizzati, u fis-sena 2005 is-socjeta` konvenuta kienet qassmet *Policy Terms & Conditions* godda lil kull assigurat taghha mat-tigdid tal-polza. B’hekk, certament, l-attrici kienet irciviet il-ktejjeb b’tali kundizzjonijiet meta geddet il-polza taghha fis-sena 2005.

Il-kawza odjerna giet intavolata aktar minn sena wara illi s-socjeta` konvenuta rrifjutat illi taccetta l-*claim* ta’ l-attrici.

Max Borg Bonello in kontro-ezami xhed li l-polza kienet inharget minn *sub-agent* tas-socjeta` konvenuta; li kien is-*sub-agent* illi mela l-*Proposal Form*, kif awtorizzat; u li l-kundizzjoni dwar l-Arbitragg kienet ezistenti minn qabel is-sena 2005.

Meta tiggedded polza jew tinhareg polza gdida, l-assigurat jinghata ktejjeb bil-kundizzjonijiet tal-polza. Huwa s-*sub-agent* illi jaghti l-ktejjeb lill-assigurat u jispjegalu l-kontenut tieghu.

Il-ktejjeb illi jinsab esebit in atti huwa l-aktar wiehed ricenti, u cioe` tas-sena 2005.

Max Borg Bonello, (a fol. 114 tal-ispoll) spjega b’referenza ghall-*Endorsement 8* formanti parti mill-polza mahruga mis-socjeta` konvenuta favur l-attrici, illi kien solitu illi jinhareg

dan it-tip ta’ *endorsement* f’kaz meta **l-vettura assigurata jkollha *soft top* jew *canvas,* cioe’mhux *solid top.***

Normalment tali *endorsement* jinhareg mac-Certifikat ta’ l-Assigurazzjoni.  Bonello xhed li ma kellux  *records* illi jindikaw illi l-attrici kienet giet mgharrfa dwar dan l-*endorsement* pero` spjega illi tali dokument kien f’idejn l-attrici ghaliex din haditu maghha meta marret taghmel il-*claim.*

Meta jsir *claim,* is-socjeta` konvenuta tezigi illi l-assigurat jipproduci d-dokumenti kollha illi jkollu fil-pussess tieghu.

**Mir-*records* tax-xhud ma jirrizultax meta u min spjega l-kundizzjonijiet ta’ l-*endorsement* lill-attrici**, pero` meta marret gewwa l-ufficcju tas-socjeta` konvenuta, l-attrici indikat illi hija kienet taf bil-kundizzjoni msemmija fl-*Endorsement 8*.  L-attrici kienet tkellmet ma’ Mario Buttigieg u Reno Debattista.

L-*Endorsement* jesigi illi il-vettura assigurata ghandha tinzamm go garaxx jekk ma tkunx qieghda tintuza mal-lejl.  Il-kelma “tintuza” tfisser illi l-vettura tkun iccaqalqet minn hdejn id-dar ta’ l-assigurat ghal post iehor.

In kontro-ezami  Bonello xhed li is-socjeta` konvenuta tipprovdi lill-assigurat b’kopja tal-polza, certifikat ta’ l-assigurazzjoni, *endorsements* jekk ikun il-kaz u *schedule* illi jkun l-istess bhac-certifikat ta’ assigurazzjoni, izda jkun jindika wkoll kif gie kkalkolat il-*premium,* it-taxxi, ecc.

Minn dawn id-dokumenti, huwa c-certifikat ta’ assigurazzjoni illi jrid jintbaghat lill-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta sabiex il-polza tkun valida.  Fiz-zmien meta nharget il-polza ta’ assigurazzjoni favur l-attrici, kienu jitnizzlu fuq ix-*schedule,* il-*codes* relattivi ghal kull *endorsement.*  **Dan id-dokument ma kienx jintbaghat lill-Awtorita` ghat-Trasport f’Malta.**

Mary Benomer fl-affidavit taghha a fol. 97, xhedet li taf lill-attrici ghaliex l-attrici kellha relazzjoni ma’ huha Francis Cremona.  Fiz-zmien ta’ l-incident, l-attrici kienet toqghod fl-istess blokk ta’ appartamenti taghha.

Luke Cremona, iben l-attrici illi jigi wkoll in-neputi taghha, kien ibati mill-*croup*, illi hija simili hafna ghall-*asthma*. Din kienet kundizzjoni serja hafna peress illi min ikollu attakk ikollu bzonn ta' l-ossignu hafna drabi. Dan it-tifel ilu jbati minn tali kundizzjoni minn meta kien tarbija.

Dakinhar ta' l-incident tal-hruq, kien hafna rih. Wara nofsinhar, l-attrici kienet informatha illi kellha tiehu lil binha l-*Health Centre* ghaliex kien tah attakk;

Bil-lejl, Benomer qamet ghaliex semghet lill-mara ta' huha Peter, tghajjat illi l-vettura ta' l-attrici hadet in-nar. Benomer u ommha ipprovaw jitfu n-nar bl-ilma izda ma rnexxilhomx.

Imbaghad wasslu fuq il-post l-Pulizija u l-Iskwadra tat-tifi tan-nar.

In kontro-ezami Mary Benomer a fol. 215, xehdet illi tigi oht Frans Cremona, li fiz-zmien meta sehh il-hruq, kien il-*partner* ta' l-attrici, waqt li Monica Cremona tigi l-mara ta' huha Peter.

Benomer ikkonfermat li l-attrici kienet hadet lil binha l-*Health Centre*, il-gurnata qabel inharqet il-vettura taghha, wara nofsinhar u mhux bil-lejl. Hija ikkonfermat li kien ikun ta' spiss li l-attrici kien ikollha tiehu lit-tifel il-*Health Centre* malajr. Gieli ghamlet gurnata bih il-*Health Centre*. Generalment, meta jkollha tiehdu l-*Health Centre*, l-attrici kienet iddum xi tliet sieghat.

It-tfal il-kbar ta' Frans kien ikollhom xi jghidu ma' l-attrici ghaliex qatt ma accettawha, pero` skond Benomer, dawn kienu jkunu argumenti tat-tfal – ma kienux se jaslu jaghmlu xi haga.

Dak iz-zmien illi nharqet il-vettura ta' l-attrici, ulied Frans kellhom minn 18 sa 20 sena u ma kienux jghixu ma' missierhom.

L-attrici gieli kienet thalli l-karozza barra matul il-gurnata, izda bil-lejl, bl-eccezzjoni ta' dawk id-drabi meta jkun gralu xi haga binha matul il-gurnata, hija kienet iddahhal il-vettura taghha fil-garaxx. Hija kienet thalli l-vettura taghha barra biss f'kazijiet ta' emergenza.

Il-garaxx ta' l-attrici kien madwar zewg bibien 'il boghod fil-*basement*. **Binha gieli kien ikun tant gravi illi kien isir vjola u lanqas biss kien ikun jista' jitkellem. Fl-opinjoni ta' Benomer, f'kazijiet meta t-tifel kien jaghtih xi attakk, jekk l-attrici kienet izzomm il-vettura taghha fil-garaxx, kienet tkun qieghda tissogra illi binha jilhaq imut.**

Monica Cremona fl-affidavit taghha a fol.98 xhedet illi taf lill-attrici ghaliex dina kellha relazzjoni ma hu l-ex-ragel taghha, u minn din ir-relazzjoni kien twieled Luke Cremona.

Fiz-zmien ta' l-incident, l-attrici kienet tirrisjedi fl-istess triq taghha.

Cremona intebhet bl-incident tal-hruq ghaliex dan gara meta kien kwazi s-sbieh u qamet bil-hsejjes illi semghet.

Cremona xhedet li rat il-vettura ta' l-attrici taqbad, u din kienet ghadha fil-bidu meta kien qieghed jaqbad il-fanal tax-xellug ta' quddiem. Imbaghad hadet f'salt.

Il-vettura ta' l-attrici kienet ipparkeggjata bejn zewg garaxxijiet quddiem ir-residenza taghha. Hija sostniet li sakemm waslu tal-*fire engine* u l-Pulizija, il-vettura lahqet hadet in-nar sew, tant li l-vettura spiccat *total loss.* Cremona ma kienitx tafx kif qabdet il-vettura.

In kontro-ezami Monica Cremona a fol. 214, xhedet li l-attrici ma tantx kienet thalli l-vettura taghha barra matul il-lejl. Hija kienet thalliha barra matul il-gurnata meta jkollha l-qadi, imma ghal bil-lejl, generalment, il-karozza kienet tkun iggaraxxjata. Dakinhar l-attrici halliet il-vettura taghha barra ghaliex kienet ghadha kif gabet lit-tifel mill-isptar – kellu l-*croup*.

L-attrici ma tantx kienet tingieb ma' wlied Frans Cremona tant li ta' spiss kien ikollhom argumenti b'ghajjat u kliem goff, ghalkemm ma kienux jigu fl-idejn.

Cremona xhedet li qatt ma semghet kliem ta' theddid minn ulied Frans lejn l-attrici.

Cremona affermat li qatt ma ssejhu l-Pulizija fuq il-post minhabba l-glied bejn l-attrici u wlied Frans.

Ryan Buttigieg (a fol. 93 tal-ispoll) xhed li kien *General Manager* ta' United Automobile

Limited u li **l-attrici kienet akkwistat il-vettura gdida, minghand United Automobile Limited f'Ottubru 2002 bi prezz ta' Lm 14,300.00**.

Dottor Jurgen Abela xehed illi l-kundizzjoni *croup* hija tip ta' infezzjoni komuni hafna fejn ikollok rih u jinzel fil-pajp tan-nifs principali. Tali kundizzjoni teffettwa l-aktar lit-tfal zghar, generalment illi jkunu ghadhom taht is-seba' snin. It-terapija *standard* ghal tali kundizzjoni hija l-medicina *Pulmicort* illi hija *steroid* u tinghata minn gol-maskra ta' l-ossignu.

Ikkonferma c-certifikat mediku tad-22 ta' Gunju 2006 u xhed illi huwa invista lill-minuri Luke Cremona fit-12 ta' Dicembru 2005 fis-1.30 p.m.

Apparti illi jikkawza soghla qawwija, attakk tal-*croup* johloq diffikulta` sabiex wiehed jiehu n-nifs.

It-trattament ghall-*croup* ikun irid jigi amministrat gewwa centru tas-sahha jew sptar, u dan b'kuntrast ghall-kaz ta' attakk ta' l-*asthma* meta t-trattament jista' jigi amministrat permezz ta' *nebuliser* illi jitqassam fid-djar stante illi l-kundizzjoni ta' l-*asthma* hija wahda kronika.

Dottor Abela ma rnexxielux jirrintraccja l-*medical records* relattivi.

In kontro-ezami, Dottor Jurgen Abela xehed li ma jiftakarx il-kaz partikolari tat-12 ta' Dicembru 2005, izda xehed abbazi tan-notamenti tieghu. Mhix haga normali illi certifikat mediku jigi rilaxxat sitt xhur wara l-ezami.

B'referenza ghan-notament *"pulmicort neb, a treatment usually used for croup",* kontenut fic-certifikat mediku Dok. JDA2, u fuq suggeriment illi fl-istess certifikat m'hemmx dianjozi ta' *croup,* ix-xhud spjega illi seta' kien il-kaz illi l-minuri Luke Cremona kellu *croup* u ghalhekk Dr. Abela ippreskriva n-*nebuliser,* jew inkella xi hadd talab lix-xhud sabiex jaghti spjegazzjoni dwar x'inhu *pulmicort* u kwindi tnizzel li tnizzel peress illi l-medikazzjoni *Pulmicort* tigi preskritta fil-kaz ta' *croup.*

Il-medicina *Pulmicort* kwazi dejjem tintuza fil-kaz ta' *croup.*

Dr. Abela ikkonferma illi n-*nebuliser* inghata fil-hin indikat fic-certifikat Dok. JDA2**,** u cioe`

fis-1.30 p.m.  Il-procedura biex jinghata n-*nebuliser* tiehu bejn ghaxar minuti u kwarta.

L-ammont ta' kazijiet ta' trattament ghall-*croup* jiddependi mill-istagun.  Dicembru huwa *peak season* u f'dak iz-zmien jista' jkun hemm sa massimu ta' hames kazijiet, peress illi persuna illi tbati bl-*asthma* tista' tinghata t-trattament tal-*croup* ukoll.  L-aktar tul illi l-procedura tan-*nebuliser* tista' tiehu huwa ta' siegha, ghalkemm tali dewmien kwazi qatt ma jigri.

F'kaz ta' tifel ta' eta` zghira, jista' jkun illi t-trattament jinghata aktar minn darba f'gurnata wahda – kollox jiddependi mis-severita` tal-kaz.

**Dottor Victor Theuma (a fol. 96 et seq tal-ispoll)  kkonferma l-firma tieghu fuq ir-*Referral* tal-minuri Luke Caruana ghall-iSptar datat 12 ta' Dicembru 2005 u fuq ic-Certifikat mediku rilaxxat nhar it-28 ta' Gunju 2006.**

Dr. Theuma  irrefera lill-minuri Luke Caruana gewwa l-Emergenza tat-Tfal sabiex il-minuri jkompli jinghata t-trattament ghal soghla niexfa persistenti maghrufa bhala *croup.*

Fil-*clinical details*, Dr. Theuma nizzel illi t-tifel kien qieghed ibati minn soghla niexfa, persistenti u hoxna assocjata ma' *nasal discharge* u infjammazzjoni ta' l-inforra ta' l-imnieher.  Dakinhar, Dr. Theuma baghat lill-minuri l-emergenza bl-iskop illi jinghata n-*nebuliser* bil-*Pulmicort.*

**Fiz-zmien illi nghatat din ix-xhieda, Dr. Theuma kien ilu ma jinvista lill-minuri Luke Caruana, pero` fil-perijodu bejn is-snin 2005 u 2007, huwa kien jinvistah ta' spiss, kwazi dejjem minhabba l-problema tal-*croup.***

Dakinhar tar-*Referral,* ix-xhud invista lill-minuri ghall-habta ta' wara nofsinhar jew bidu ta' filghaxija, pero` zgur illi mhux filghodu.

**Il-*croup* hija infjammazzjoni u l-aktar nefha madwar il-kordi vokali illi twassal ghal tidjiq tal-pajp tan-nifs b'konsegwenza ta' soghla hoxna u possibilita` ta' qtugh ta' nifs u problemi biex il-pazjent jibla' l-bzieq.**

B'referenza ghal-Dok. JDA3, Dr.Theuma spjega illi l-kelma ***laryngotracheatis*** hija l-kelma medika ghall-kundizzjoni komunament maghrufa bhala *croup*.

Ma jiftakarx ic-cirkostanzi illi wasslu sabiex huwa hareg ir-*Referral* Dok. JDA1 u jekk kienx ra lit-tifel qabel. Ir-*Referral* seta' inhareg ghaliex huwa ikun ra lit-tifel qabel u l-medicina ma tkunx hadmet, jew inkella ghaliex kien hemm kaz akut jew soghla hoxna jew hsejjes man-nifs.

In kontro-ezami Dottor Victor Theuma jixhed li c-certifikat Dok. JDA3 inhareg fuq it-talba ta' xi hadd, u dana ghaliex mhux normali illi huwa johrog certifikat.

Sabiex tifel jigi invistat fl-isptar mhux necessarju illi jsir *Referral,* pero` normalment dana jsir.

Mhux soltu illi huwa jaghmel visti filghodu, u huwa ma jiftakarx illi lil Luke Cremona qatt rah filghodu.

PS860, Keith Caruana, a fol. 205 xhed illi ghall-habta tat-3.30 a.m., saret telefonata anonima illi permezz taghha il-*Control Room* tal-Korp tal-Pulizija giet informata illi kien hemm karozza fi Triq iz-Zonqor, Santa Venera, parkeggjata ezattament quddiem St Joseph House, illi kienet qieghda tinharaq. Dakinhar kienet gurnata ta' xita qawwija.

Fuq il-post, l-girien taw lill-Pulizija zewg *fire extinguishers,* pero` l-Pulizija ma lahhqux man-nar.

Il-karozza li soffriet il-hruq kellha n-numru ta' registrazzjoni PAT 216 u kienet ta' l-ghamla Opel Astra kulur Silver. PS860 ikkonferma illi l-vettura kellha *canvas top.*

Fuq il-post issejhu wkoll tas-*Civil Protection* illi tfew in-nar, imma sadanittant il-vettura kienet sfat kompletament mahruqa.

Peress illi kienet xita qawwija, kien difficli illi l-Pulizija tistabbilixxi jekk dan kienx kaz ta' hruq doluz jew le. Ma kienx hemm irwejjah ta' materjal incendjuz ;

PS 860 ikkonferma li nizzel il-verzjoni moghtija mill-attrici fir-Rapport tieghu li jinsab a fol. 260 , Dok. KC1;

Saret ukoll inkjesta mill-Magistrat Lawrence Quintano illi nnomina diversi esperti sabiex jassistuh.

In kontro-ezami PS 860 Keith Caruana ikkonferma illi fiz-zmien tas-seduta, l-Ispettur Roland Cassar ma kienx ghadu fil-Korp tal-Pulizija.

Joseph Zammit Espert Tekniku, nominat fl-Inkjesta Magisterjali ikkonferma r-relazzjoni tieghu Dok. JZ1 li tinstab a fol. 269, u afferma illi n-nar kien doluz. Huwa sab ukoll craret illi ma kienux kompletament mahruqa li kellhom riha ta' petrol.

Il-vettura kienet imsakkra, minghajr ebda sinjal ta' sgass. In-nar fuq gewwa ma lahaqx kullimkien izda fil-parti frontali biss, b'mod specjali d-*dashboard*.

Joseph Zammit xhed li is-*soft top* kien spustjat; maqlugh u mitfugh taht il-bankina. Il-fatt illi s-*soft top* kellu bidu ta' hruq fuq quddiem, seta' kien indikattiv illi xi hadd li kien warrbu sabiex ma jkomplix jigi danneggjat bil-hruq. Il-karozza ma kienitx bis-*soft top* miftuh. Zammit xhed li kien il-Profs Alfred Vella illi kellem lix-xhieda fil-prezenza tieghu, pero` t-traskrizzjoni relattiva ittiehdet mill-Profs Vella.

Il-Profs. Alfred Vella, Espert Forensiku nominat fl-Inkjesta Magisterjali, ikkonferma r-relazzjoni tieghu Dok. AV1 a fol. 262 et seq., u rrileva illi l-punt krucjali f'dan il-kaz kien illi setghu jigu identifikati zewg siti ta' nirien illi kienu indipendenti minn xulxin (mhux kontigwi). Dana jwassal ghall-konkluzjoni illi n-nar kien ta' natura doluza.

In kwantu ghall konkluzjonjiet tal-perit legali, il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' dawn il-Qrati:

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonjiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-*

> *konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",*** *Appell 29 ta' Mejju 1998).* ***"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."*** *Appell 6 t'Ottubru 1999;* ***"John Saliba –vs-Joseph Farrugia",*** *Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

Il-Qorti ma tistax tikkondividi mal-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit Legali Dr. Ramona Frendo kwantu raba' eccezzjoni 'l quddiem u ghar-rigward tat-talbiet attrici, in vista tal-fatt li, ma taqbilx mal-apprezzament tal-fatti ghal ligi applikabbli.

**Ikkonsidrat:**

Permezz tar-Risposta Guramentata taghha, is-socjeta` konvenuta ssollevat tliet eccezzjonijiet preliminari: fl-ewwel eccezzjoni hija eccepiet in-nullita` tar-Rikors Guramentat ipprezentat mill-attrici stante illi dana huwa monk mir-rekwiziti naxxenti mill-**Artikolu 156(1)(a)** tal-**Kap. 12** tal-**Ligijiet ta' Malta;** it-tieni eccezzjoni hija ai termini tal-Klawsola 6 tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva,u cioe' li l-attrici ma kellha ebda dritt illi tipprezenta l-proceduri odjerni u dana stante illi hija naqset milli tipprezenta proceduri ta' arbitragg fi zmien sena mid-data meta s-socjeta` attrici rrifjutat il-*claim* imressaq mill-attrici; fit-tielet eccezzjoni s-socjeta` konvenuta eccepiet in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex tisma' u tiddeciedi dwar il-kawza odjerna u dana abbazi ta' l-istess Kalwsola 6 tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva.

Il-Qorti taghraf li it-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, diga` giet michuda minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mhallef Dr. Geoffrey Valenzia permezz tas-Sentenza *in parte* tat-3 ta' Ottubru 2008.

Inoltre, ghalkemm ma nghatat ebda decizjoni formali dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti, fis-Sentenza *in parte* tat-3 ta' Ottubru 2008, il-Qorti rriteniet illi *"il-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' kompetenza civili m'hix eskluza mill-fatt biss illi jkun hemm xi ftehim ta' arbitragg bejn il-partijiet"* [bhal ma hija l-Klawsola 6 illi fuqha s-socjeta` konvenuta qieghda tibbaza t-tielet eccezzjoni taghha]. Inoltre, il-Qorti taghraf illi t-tieni u t-tielet eccezzjoni sollevati mis-socjeta` konvenuta huma intrinsikament konnessi u ko-dipendenti fis-sens illi huwa ovvju illi jekk disputa legali ghandha tigi riferita ghal proceduri ta' arbitragg, dan kjarament ma jistax isir fil-Qrati ordinarji, izda ghandu jsir quddiem Tribunal ta' Arbitragg. *A contrario sensu*, una volta illi dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, fis-sentenza preliminari taghha tat-3 ta' Ottubru 2008, cahdet l-eccezzjoni illi din il-kwistjoni kellha tigi riferita ghal proceduri ta' arbitragg skond il-klawsola konvenzjonata bejn il-partijiet, isegwi illi kienet din il-Qorti li kienet kompetenti sabiex tiddeciedi l-kawza odjerna. Kwindi, l-Qorti tqis illi ghandha tichad l-eccezzjoni tal-gurisdizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta bhala korollari necessarja tac-cahda tat-tieni eccezzjoni.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-ewwel eccezzjoni, cioe` dik tan-nullita` tar-Rikors promotorju, u taghmel accenn ghal gurisprudenza nostrali f'din il-materja.

Fis-sentenza **Moore noe ve Falzon et** deciza nhar il-**15 ta' Dicembru 1955** per **Onor. Mhallef Dr. Albert J. Magri**, gie ritenut illi l-Ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni u illi huwa bizzejjed illi jinftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur.

Skond l-insenjament moghti fis-sentenza **Bonnici vs Zammit noe** deciza nhar l-**20 ta' Jannar 1986** mill-**Appell Kummercjali**, l-fatt illi l-Artikolu 156(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fir-Rikors promotur, ma jfissirx illi kwalunkwe nuqqas ghandu mill-ewwel jigi meqjus illi jaghti lok ghan-nullita` tac-Citazzjoni.

Fis-sentenza **Vella vs Cefai** deciza nhar l-**4 ta' Novembru 1991**, **Qorti ta' l-Appell**, rriteniet

illi l-eccezzjoni tan-nullita` tac-Citazzjoni minhabba xi vjolazzjoni tal-forma rikjesta mill-Artikolu 156(1)(a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta **tista' tigi milqugha biss f'kaz illi dik il-vjolazzjoni tkun ikkawzat lill-parti illi teccepixxi n-nullita` pregudizzju illi ma jistax jissewwa hlief billi l-att jigi annullat.**

Fis-sentenza fl-ismijiet **K.B. Real Estate Limited vs Silvio Felice Limited** deciza nhar it-**13 ta' Marzu 2003**, mill-Prim Awla Qorti Civili per **Onor. Mhallef Dr. Joseph R. Micallef** gie ritenut:

> ***"Il-Ligi ma tinsistix fuq formola preciza jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawzali tkunx imfissra b'mod xott jew saharsitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha… fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju. Biex att ta' Citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed illi t-talba tkun imfassla b'mod tali illi l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u illi tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek illi jiddefendi lilu nnifsu mit-talba ta' l-attur… jekk id-difett fit-tfassila ta' l-att li tkun bih inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura l-procedura tkun tista' tigi salvata, basta dana ma jeffettwax is-sustanza ta' l-azzjoni jew l-eccezzjonijiet".***

Wara li l-Qorti rat u ezaminat n-nuqqasijiet lamentati mis-socjeta` konvenuta, tqis illi dawn huma ta' natura inkonsegwenzjali, li certament illi bl-ebda mod ma impedew, iddisturbaw jew ostakolaw lis-socjeta` konvenuta fid-difiza taghha. Il-principju legali huwa illi l-atti ghandhom, kemm jista' jkun, jigu salvati, gialadarba s-socjeta` konvenuta ma gietx ippregudikata min-nuqqasijiet procedurali minnha lamentati. Ghaldaqstant il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta.

Fir-raba' eccezzjoni taghha, is-socjeta` konvenuta teccepixxi n-nuqqas ta' kopertura assigurattiva stante ksur da parti ta' l-attrici tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni mahruga mill-istess socjeta` konvenuta fuq il-vettura proprjeta` ta' l-attrici. Is-socjeta`

konvenuta tibbaza tali eccezzjoni taghha fuq il-kundizzjoni stipulata fl-*Endorsement 8,* Dok. GMI.4, illi kien applikabbli b'effett mill-1 ta' Mejju 2005 illi huwa parti integrali mill-polza ta' assigurazzjoni, u illi permezz tieghu l-attrici obbligat ruhha illi oltre ghall-kundizzjonijiet kollha l-ohra tal-polza, hija zzomm l-istess vettura gewwa garaxx meta dina ma tkunx qieghda tintuza fil-hinijiet ta' bil-lejl.

Max Borg Bonello, *Claims Negotiator* mas-socjeta` konvenuta spjega illi s-socjeta` konvenuta normalment tesigi tali kundizzjoni f'kaz ta' vetturi illi ma jkollhomx *solid top,* bhal ma kienet il-vettura ta' l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti taghraf illi l-kuntratt tal-assikurazzjoni huwa kuntratt ibbazat fuq l-**uberrimae fides** bejn il-kontendenti ghaliex huwa kuntratt ibbzat fuq riskju fortuwitu  u ghalhekk s-socjeta' assiguratrici tippretendi li matul d-durata tal-kuntratt hija tigi mgharrfa pienament b'cirkostanzi  mill-assikurat stess li  jistghu jbiddlu l-element ta'riskju f'wiehed akar oghli.

Infatti skond il-gurisprudenza nostrali fis-Sentenza, dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta kienet ikkowtat lil Lord Mansfield fil-kaz **Carter vs Boehm,** meta dana spjega illi:-

> ***"Insurance is a contract upon speculation.  The special facts upon which the contingent chance is to be computed, lie most commonly in the knowledge of the insured only: the underwriter trusts to his representation and proceeds upon the confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge, to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist, and to induce him to estimate the risk as if it did not exist".***

Dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mbaghad irrilevat illi *"l-mistoqsijiet legali jikkonċernaw l-aktar il-materjalita` tal-fatt, u kif din tigi ggudikata.* ***Fatt ikun materjali jekk jinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur ragonevoli jew prudenti dwar jekk jaccettax ir-riskju jew liema tariffi se jitlob. Dan ma jfissirx necessarjament illi l-assiguratur necessarjament kien jagixxi b'mod differenti kieku kien jaf bil-fatti, izda biss li kien ikun***

***irid jaf bil-fatt meta jkun qed jiehu d-decizjoni.*** *(Ara Container Transport Intl Inc vs Oceanus Mutual Undewriting Association (Bermuda) Ltd – 1994)".*

F'din is-Sentenza giet ukoll ikkwotata s-Sentenza fl-ismijiet **Joseph Micallef vs Jovin Rausi,** deciza nhar is-**27 ta' Ottubru 2004** per **Onor. Mhallef Dr. Philip Sciberras** fejn intqal illi:-

> ***"In linea generali preliminari fuq dan l-aspett huwa fatt indiskuss illi dikjarazzjonijiet inezatti (jew reticenti) kontenuti fil-proposal form huma dawk li fis-sustanza jimpedixxu lill-assiguratur milli jivvaluta kif jixraq dawk ic-cirkostanzi influwenti meta jokkorri l-event dannuz assigurat, li kapaci jkabbru jew jirriducu l-alea, u ghandhom impatt fuq il-kunsens ta' l-assigurat jew il-kundizzjonijiet kuntrattwali. Problemi dawn ta' l-ahhar li jridu jigu epurati fl-ambitu ta' l-interpretazzjoni tal-klawsoli tal-polza skond il-kriterji ermenewtici stabbiliti fl-Artikoli 1002 sa 1011 tal-Kodici Civili".***

Dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mbaghad ghamlet referenza ghall-**Artikolu 10(5)** tal-**Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta,** illi jispjega s-sostanzjalita` tal-fatti mistura jew rapprezentati b'mod hazin kif gej:

> ***"F'dan l-Artikolu, il-kelma "sostanzjali" tfisser ta' xorta tali li tinfluwenza d-decizjoni ta' assiguratur prudenti meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju, u f'dan il-kaz, b'liema premium u taht liema kundizzjonijiet".***

Fis-sentenza fl-ismijiet **Salvu Briffa vs Walter Camilleri et noe,** deciza mill- **Qorti ta' l-Appell** nhar id-**9 ta' Frar 2001**, gie enuncjat illi l-obbligu illi l-assigurat jiddikjara fatt materjali jezisti *"irrispettivament minn jekk hu* [l-assigurat] *kienx gie jew le mitlub minn din l-istess socjeta`* [l-assiguratur] *illi jaghmel hekk".*

Di piu' fis-sentenza fl-ismijiet **Mambra Electronics Limited et vs Lloyds (Malta) Limited noe,** deciza nhar id-**29 ta' April 2010** per **Onor.Mhallef Dr. Abigail Lofaro,** gie ritenut illi kuntratt ta' assigurazzjoni huwa riskju ghal min johrog il-kopertura u kwindi, hu mistenni illi

min jitlob assigurazzjoni jkun onest mas-socjeta` ta' l-assigurazzjoni, u jaghtiha l-informazzjoni kollha materjali u rilevanti ghall-kaz u saret referenza ghal **Rozanes vs Bowen** deciza fis-sena **1928** mill-**Qrati Inglizi,** , fejn gie osservat illi:

> ***"It has been for centuries in England the law in connection with insurance of all sorts, that as the underwriter knows nothing and the man who comes to him to ask him to insure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make a full disclosure to the underwriters, without being asked, of all the material circumstances … That is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith".***

Fis-Sentenza fl-ismijiet **Charles Degiorgio noe vs Austin Agius et,** deciza nhar il-**25 ta' Gunju 1962** per **Onor. Mhallef Dr. Joseph H. Xuereb** gie ritenut illi:

> ***"il-kuntratt ta' assigurazzjoni huwa meqjus bhala wiehed ta' l-aqwa bona fede u l-proponent ghandu jaghti risposta cara dwar dettalli illi jigu mistoqsija lilu espressament fil-proposal forms; anzi huwa generalment ritenut illi l-proponent huwa fid-dmir illi jsemmi kull fatt illi ragjonevolment ghandu jhoss illi huwa relevanti ghall-assiguratur illi jkun jaf, u dan anke jekk ma jkunx mistoqsi".***

Vide ukoll sentenzi **SMS Insurance Agency Limited noe vs Marco Attard,** deciza nhar is-**6 ta' Marzu 2006** per **Onor.Mhallef Dr. Lino Farrugia Sacco**; u **Antonio Zammit vs Joseph Micallef noe,** deciza nhar il-**31 ta' Jannar 1952** mill- **Qorti tal-Kummerc**.

Illi l-Qorti ma tistghax ma taghmilx accenn ghal dak li ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta, f'sentenza tat-18 ta' Mejju, 2012 (Ċitazzjoni Numru: 128/1999/1) fl-ismijiet **Middle Sea Insurance P.L.C vs Anthony Borg**:

> ***"Dwar il-kuntratt tal-assigurazzjoni, tajjeb li jiġi osservat fil-liġi dwar il-kuntratti tal-assigurazzjoni hemm provdut għal dawk is-***

> ***sitwazzjonijiet fejn l-assiguratur jista' legalment jirrifjuta li jħallas pretensjoni tal-assigurat. … Strettament dawn huma biss sitwazzjonijiet fejn l-assigurat ikun wettaq xi frodi jew ma żvelax xi fatti materjali, jew għamel rappreżentazzjoni ħażina ta' xi fatti materjali, jew xi ksur ieħor tad-dmir tal-uberrima fides."***(Enfasi ta' din l-Qorti)

Di piu l-onus probandi ghal tali frodi, misrapprezentazzjoni jew ksur iehor ta' dmir ta' uberrima fides jaspetta lis-socjeta' assigurattrici.

Fil- kaz in ezami jirrizulta illi iben l-attrici kellu bejn sena u nofs u sentejn fid-data tal-incident, kien jbaghti minn *croup*, kondizzjoni spjegata tajjeb minn Dr Abela u Dr. Theuma fejn jintefah pipe tan-nifs u dan flimkien ma fjamazzjoni mal-inforra tal-imnieher u *discharge* li jostakola n-nifs. **Din hija kondizzjoni serjissima u hija *life threathening*.** Jidher skond ix-xhieda tal-attrici illi dan it-tifel kien ilu jbaghti minn din il-kondizzjoni **ghal xi xhur**. Dan hu korroborat minn Dr. Theuma li kkonferma li kien ra lit-tifel bejn 2005 u 2007 **u mhux qabel**.

Dak li trid tanalizza din il-Qorti hi kemm il-darba il-kundizzjoni ta' *croup* kienitx a *material fact* li l-attrici kienet fid-dover li tinforma biha lis-socjeta' intimata, u li fin-nuqqas ta' tali *disclosure* kienx tali illi jivvizzja il-kuntratt t'assikurazzjoni innifsu.

Fil-fehma konsiderata ta din il-Qorti il-kondizzjoni tat-tifel Luke Cremona u n-neccessita li fl-eqqel tal-attakki, l-attrici kienet soggetta thalli il-karozza barra, ma kienx *material fact* tali li tannulla il-kuntratt. Dan qieghed jinghad 'l ghaliex ma gie pprovat mis-socjeta' intimata ebda mala fede da parti tal-attrici, ebda hjiel ta' habi u ebda sopressjoni ta' xi evidenza.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-*material fact,* jrid jkun wiehed li l-assikurat **jaghraf u jirrikonoxxi bhala tali** ghaliex altrimenti kull fattur anke wiehed mill-aktar nebuluz jew remot, jista' jingieb bhala skuza biex jizganza socjeta assiguratrici mill-obbligu taghha ghal hlas.

Il-Qorti taghraf illi s-socjeta' intimata kienet qed tipprova ddahhal xi dubbju dwar meta bdiet il-kundizzjoni tal-*croup* fit-tifel u tqis li l-attrici certament **kienet f'qaghda ahjar** li taghti l-informazzjoni minn Mary Benomer, illi xhedet fi' 2010 u 2012 – vide fol. 97 u 215. Di piu din il-Qorti taghraf ma hemm xejn inkonsistenti fix-xhieda 'l ghaliex bejn tarbija u *toddler*

hemm kwistjoni biss ta' xhur. **Di piu' hemm ix-xhieda ta' Dr. Theuma, xhud indipendenti li jasserixxi li ezamina lit-tifel minn 2005 sa 2007 u mhux qabel.**

Fil-kaz in ezami l-Qorti tqis illi l-fatt li l-attrici ma nformatx bil-kondizzjoni medika tat-tifel taghha u bil-konsegwenzi taghha (cioe' li l-karozza tithalla barra biex jigi evitat telf ta' hin vitali) ma kienitx nuqqas ta' *disclosure* ta' fatt materjali tali li janulla l-kuntratt.

Kif tajjeb jfhiem **Semin Park** fil-**The Duty of Disclore in Insurance Contract Law (1996) Dartmouth**:

> "***uberrimae fidei must not be indcriminately used by insurers and judges as an excuse for ignoring insurance claims."***

Dan il-principju gie riaffermat ripetutament minn dawn il-Qrati li sostnew illi l-principju ta' uberrimae fidei, cioe' *utmost good faith*, ma japplikax **biss** ghall-assigurat , izda japplika **ukoll** ghas-socjeta assiguratrici.

Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta fis-sentenza tal-**31 ta' Ottubru, 2007** fl-ismijiet **Andre Scerri pro et noe vs. Lloyd's (Malta) Limited noe**:

> ***"Illi fil-fatt jirriżulta għalhekk li l-obbligu ta' bona fede japplika għaż-żewg partijiet u din is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell[1] ikkonfermat li s-soċjeta assikurattrici hija wkoll marbuta b'dan il-prinċipju ta' uberrima fides u b'hekk l-imġiba tas-socjeta assikurattriċi ma għandhiex tkun li twaqqa' dan il-prinċipju minn wieħed ta' bona fides għal wieħed purament mekkaniku li l-assiguratur jinqeda bih biex jeħles mill-obbligazzjonijiet tiegħu taħt il-polza…".***

**Vide ukoll Gordon Borda vs. Elmo Insurance Agency Limited nomine (P.A. (GCD) – 25 ta' Mejju 2004); Bertu Camilleri et vs Harold Bartoli et nomine (P.A. (TM) - 9 ta' Ottubru 2003); Mario Mizzi nomine et vs. Mario Grech et nomine (P.A. (PS) – 3 ta'**

---

[1] ***Marco Tanti vs O.F. Gollcher & Sons Limited noe (6 ta' April 2006 - App Ċiv Nru: 907/1996)***

**Ottubru 2003); Joseph Rizzo vs John Formosa nomine et (P.A. (TM) – 3 ta' Ottubru 2002).**

Illi ghar-rigward tal-kwistjoni tal-ksur tal-*endorsement* 8, kondizzjoni li meta ma tkunx qed tintuza il-karozza tkun *garaged*, (apparti l-fatt li tali *endorsement* ma gietx komunikata mis-socjeta' intimata lill-ADT), il-Qorti taghraf illi skond ix-xhieda, l-attrici kienet izomm il-karozza taghha igaraxxjata bil-lejl meta ma kienitx tintuza u **kien biss ftit xhur qabel ma sehh l-incident** li l-attrici gieli halliet barra il-karozza taghha fl-eqqel tal-attakki tal-*croup* ta' binha.

Il-Qorti taghraf ukoll illi raison d'etre tal-*endorsement* kien minhabba li l-karozza kellha *soft/ canvas top* u li din il-kondizzjoni hija stipulata minhabba l-*excesive wear & tear* fuq il-*canvas top* kemm-il darba il-karozza tithalla barra. Il-kwistjoni tas-*soft top* u l-kundizzjoni tan-neccessita' ta' *garaging* ma kienu qatt intizi biex jissalvagwardaw l-hsarat li jirrizultaw minn *arson*. Altrimenti l-*endorsement* b'kundizzjoni ta' *garaging* tigi imposta fuq kull karozza assigurata, li certament ma ssirx.

Illi l-Qorti tqis illi l-fatt li l-attrici halliet il-karozza taghha barra, **kienet necessita imposta fuqha sforz l-emergenza mahluqa mill-kondizzjoni medika tat-tifel taghha**. Il-Qorti ma tista' ssib ebda xrara ta' negligenza, traskuragni jew malizzja fin-nuqqas t'osservanza tal-kondizzjoni.

Il-Qorti ma tistghax ma taghmilx accenn ghal fatt illi persuna jew persuni mhux maghrufa kienu dolozament taw in-nar lil karozza meritu tar-rikors promotorju. Il-Qorti taghraf li min irid iwettaq *arson* bhal dak tal-kaz in ezami, certament mhux ser jigi imnaffar milli jaghmel dan sempliciment ghaliex l-karozza tkun *garaged.*

Il-Qorti rat u ezaminat l-atti tal-inkjesta tal-karozza rilevanti u taghraf illi l-Pulizija ma tefghu ebda dell ta' qerq fuq l-attrici f'dan ir-rigward. Il-Qorti wara li rat ix-xhieda kollha tal-kaz, hi tal-fehma li l-kaz in ezami, certament ma jista' qatt jigi klassifikat bhala wiehed ta' *insurance fraud*. Illi di piu' in vista tal-kundizzjoni medika tat-tifel, din il-Qorti ma tistghax tipressupponi, eliminat il-genn, li l-attrici fl-isfond ta' dawn ic-cirkostanzi, sejra tiddistruggi l-uniku mezz ta' trasport taghhha biex tiehu t-tifel taghha l-isptar f'kaz t'emergenza.

Ghaldaqtant il-Qorti taghraf illi s-socjeta intimata ghandha tinzamm responsabbli ghal hlas tad-danni sofferti mill-attrici a bazi tal-obbligu tas-socjeta intimata naxxenti mill-polza t'assigurazzjoni numru ZZURX501PAT216.

Mill-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti, jirrizulta li l-karozza Opel Astra Cabrio kienet giet mixtrija gdida minn United Auto Mobile Limited f'Ottubru 2002 ghal prezz ta' erbghtax il-elf u tlett mitt lira Maltin (Lm 14,300), ekwivalenti ghal tlieta u tletin elf, tlett mija u ghaxar Ewro. (€33,310). Illi huwa risaput illi minn dan l-ammont jehtieg li jitnaqqas 10% *depreciation* kull sena.

| | |
|---|---|
| Valur gdid tal-karozza ....................................... | € 33,310 |
| Ottubru 2002 sa Ottubru 2003 10% *depreciation* | = € 3,331- |
| | = € 29,979 |
| Ottubru 2003 sa Ottubru 2004 10% *depreciation* | = € 2,997- |
| | = € 26,982 |
| Ottubru 2004 sa Ottubru 2005 10% *depreciation* | = € 2,698 - |
| **Total** | **= € 24,284** |

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` intimata;tastieni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eccezzjoni tas-socjeta` intimata stante li din giet deciza minn dina l-Qorti diversament preseduta nhar it-3 ta' Ottubru 2008; tichad it-tielet sad-disa' eccezzjoni tas-socjeta` intimata; tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti; tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti u tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf, mitejn erbgha u tmenin Ewro (**€24,284);** u tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lill-attrici id-danni hekk likwidati fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf, mitejn erbgha u tmenin Ewro **€24,284** .

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata, u bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------